MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 660/2001/1

**U.C.I.M. Co Ltd**

**vs**

**Adam u Joanne mizzewgin Citil**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoniipprezentata mis-socjeta' attrici fid-19 ta' April, 2001, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn u seba' mitt lira (LM 2700), rappresentanti import ta' 18 kambjala ta' LM150 il-wahda, debitament accettati, skaduti minn Novembru 1999 sa April 2001 u mhux imhallsa, huma hawn annessi markati bin-numru minn 1 sa 18 konsekuttivament u inklusivament;

Illi ghalkemm mitluba biex jhallsu diversi drabi, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi l-kreditu tas-socjeta' attrici fis-somma ta' LM2700 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta' attrici, il-konvenuti ma ghandom l-ebda difisa valida opponibbli f'din l-kawza kontra t-talba taghha ghal hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit ta' Alfred Formosa, ir-rappresentant tas-socjeta' attrici, hawn anness Dok. A;

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u
2. hekk tikkundanna minnufih lill-konvenuti jhallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' LM 2700 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq;

Bl-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala li sad-19 ta' April 2001 jammonta ghal LM181 oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effetti, u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Mejju 2000 kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' Alfred Formosa nomine;

Rat in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici attur;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Alfred Formosa;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Gunju 2007 li bih ordnat illi l-kawza ssir fil-kors normali taghha u ipprefeggiet it-terminu ta' ghoxrin (20) gurnata lill-konvenuti biex jipprezentaw in-nota ta' eccezzjonijiet taghhom;

Rat illi ic-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw risposta guramentata u b'hekk baqghu kontumaci;

Rat l-affidavit ta' Marcel Avellino li huwa impjegat bhala Credit Controller mas-socjeta attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta attrici;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni; bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------